

Linji gwida dwar il-faċilitazzjoni ta' djalogu effettiv bejn awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u awditur(i) statutorju/statutorji u d-ditta/ditti tal-awditjar li jwettqu l-awditjar statutorju ta' dawk l-impriżi

Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014 tas-16 ta' April 2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku ¹, l-EIOPA għandha, filwaqt li tqis il-prattiki attwali, toħroġ linji gwida indirizzati lil awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-impriżi tal-assigurazzjoni bl-għan li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' djalogu effettiv bejn awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u awditur(i) statutorju/statutorji u ditta/ditti tal-awditjar li jwettqu l-awditjar statutorju ta' dawk l-impriżi. Bl-għan li tissaħħaħ is-sorveljanza tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-protezzjoni tad-detenturi ta' polza, id-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem "Direttiva tas-Solvibbiltà II")², b'mod partikolari l-Artikoli 68 u 72, stabbilixxiet ir-rekwiżiti legali fuq l-awdituri statutorji biex jirrapportaw minnufih kull fatt li x'aktarx ikollu effett serju fuq is-sitwazzjoni finanzjarja jew fuq l-organizzazzjoni amministrattiva ta' impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni. Madankollu, minbarra d-dmir li tiġi rrapportata din l-informazzjoni dwar fatti u inċidenti serji, il-kompiti superviżorji jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' djalogu effettiv bejn superviżuri u awdituri statutorji u ditti tal-awditjar.
- 1.2. L-EIOPA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtorità Bankarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "EBA"), investigat il-prattiki superviżorja attwali relatata mal-komunikazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fl-UE u fiż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem ŻEE) u awdituri statutorji u ditti tal-awditjar ta' dawk l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ssorveljati. Is-superviżuri involuti f'dik il-valutazzjoni kollha għandhom kuntatti regolari u ad hoc u skambju ta' fehmiet ma' awdituri statutorji. Madankollu, fil-parti l-kbira, dik l-interazzjoni mhijiex ibbażata fuq sett formali ta' regoli jew dispożizzjonijiet. Sabiex jiġi ffaċilitat djalogu rilevanti u effettiv – 'il barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti biex jitolbu informazzjoni ad hoc skont l-Artikolu 35 (2) (ċ) tad-Direttiva 2009/138/KE u 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dmir tal-awditur biex jirrapporta skont l-Artikolu 72 tad-Direttiva 2009/138/KE -, l-EIOPA żviluppat dan is-sett ta' Linji gwida bbażati fuq il-prinċipji biex jagħtu sostenn lill-organizzazzjonijiet tal-membri tal-EIOPA fl-iżvilupp ta' approċċ superviżorju konsistenti, xieraq u proporzjonali.
- 1.3. Dawn il-Linji gwida jinħarġu skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-EIOPA³.
- 1.4. Dawn il-Linji gwida huma indirizzati lejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.
- 1.5. It-termini li mhumiex definiti f'dawn il-Linji gwida għandhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.6. Il-Linji gwida għandhom japplikaw mill-31 ta' Mejju 2017.

¹ ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77.

² ĠU L 335, 17.12.2009, p.1.

³ ĠU L 331, 15.12.2015, p. 48-83.

Linja gwida 1 – Approċċ għad-djalogu

- 1.7. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li d-djalogu mal-awditur(i) statutorju/statutorji u d-ditta/ditti tal-awditjar li jwettqu l-awditjar statutorju jkun miftuħ u kostruttiv, kif ukoll flessibbli biżżejjed biex jiġi żgurat li jista' jakkomoda żviluppi futuri mhux mistennija.
- 1.8. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jippromwovu l-fehim reċiproku tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet involuti fid-djalogu f'konformità mar-rekwiżiti dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali skont l-Artikolu 34 tar-Regolament 537/2014 u l-Artikoli 64 sa 71 tad-Direttiva 2009/138/KE. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li kull informazzjoni skambjata fid-djalogu tibqa' kunfidenzjali u ma tikkostitwixxi ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni kuntrattwali jew legali dwar l-iżvelar tal-informazzjoni skont l-Artikolu 12 (3) tar-Regolament 537/2014 jew l-Artikolu 68 tad-Direttiva 2009/138/KE.
- 1.9. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ssorveljata tibqa' s-sors ewlieni tal-informazzjoni għal finijiet awditorji superviżorji u statutorji u li l-informazzjoni miġbura fid-djalogu ma tiħux post ix-xogħol tagħha.
- 1.10. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li japplikaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-frekwenza u l-profondità tal-komunikazzjoni biex jiġi żgurat approċċ proporzjonali. Il-profondità tal-komunikazzjoni tista' tiġi distinta bejn djalogu regolari u diskussjoni ta' żviluppi attwali, imminenti jew urġenti.
- 1.11. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw regolarment jekk l-iskambju tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni jissodisfax l-oġettivi tad-djalogu kif deskritt f'din il-Linja gwida u jaġġustaw l-approċċ tagħhom kif meħtieġ.

Linja gwida 2 – Natura tal-informazzjoni għall-iskambju

- 1.12. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw jiskambjaw informazzjoni li hija rilevanti għall-partijiet tad-djalogu f'termini tal-kompiti, tal-materjalità u tal-impatt tal-informazzjoni tagħhom.
- 1.13. Fil-preparazzjoni u t-tmexxija tad-djalogu, u f'komunikazzjoni mal-awdituri statutorji jew mad-ditti tal-awditjar, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jindirizzaw kwistjonijiet u informazzjoni li jridu jiġu kondiviżi li huma: speċifiċi għal impriża, speċifiċi għal industrija, attwali u emerġenti. Dan jista' jinvolvi l-istabbiliment ta' lista standard ta' kwistjonijiet li ser jissemmew fid-djalogu. Fl-istess ħin l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jippromwovu l-kontribut attiv tal-awdituri statutorji jew tad-ditti tal-awditjar għall-għażla ta' kwistjonijiet u informazzjoni rilevanti li għandhom jiġu kondiviżi.
- 1.14. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw liema informazzjoni hija rilevanti għas-sorveljanza tal-impriża u jistgħu jitolbu informazzjoni rilevanti mill-awditur(i) statutorju/statutorji jew ditti tal-awditjar kif meħtieġ. Dawk l-oqsma jistgħu jkopru, iżda mhumiex limitati għal, l-ambjent estern tal-impriża, il-governanza korporattiva u l-kontrolli interni, is-suppożizzjoni tan-negozju avvjat, l-approċċ tal-awditjar, il-komunikazzjoni mal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju u l-kumitat tal-verifika tal-impriża, il-valutazzjoni u l-adeqwatezza tal-kapital, tal-investimenti, u ta' dokumenti rilevanti oħra. L-

awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll il-kondiviżjoni tal-informazzjoni relatata mal-impriża individwali minn valutazzjonijiet jew rieżamijiet superviżorji riċenti, rapportar regolatorju, miżuri superviżorji imposti fuq l-impriża u kwistjonijiet li jaffettwaw in-negozju avvjat tal-impriża u kwistjonijiet relatati mal-industrija, bħal żviluppi regolatorji jew makroekonomiċi. Jekk l-impriża hija parti minn grupp tal-assigurazzjoni multinazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari s-superviżuri tal-grupp, jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll ikopru kwistjonijiet tal-awditjar tal-grupp rilevanti.

- 1.15. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu attenti fir-rigward tal-forma tal-informazzjoni disponibbli fi stadji differenti taċ-ċiklu tal-awditjar statutorju meta jistabbilixxu ż-żmien tad-djalogu mal-awdituri.

Linja gwida 3 – Forma tad-djalogu

- 1.16. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw u jagħżlu l-mezzi u kanali ta' djalogu l-iktar effettivi u xierqa fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali tad-djalogu.
- 1.17. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jagħżlu kombinament xieraq ta' mezzi u kanali tad-djalogu, li jistgħu jintużaw fuq bażi ad hoc jew regolari, jiġifieri: komunikazzjoni bil-miktub u komunikazzjoni orali, inklużi telefonati u laqgħat fiżiċi. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jippromwovu l-istabbiliment ta' laqgħat fiżiċi regolari biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni miftuħa, speċjalment meta jinbeda djalogu mal-parteciċipanti għall-ewwel darba.
- 1.18. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jżommu rekord tal-komunikazzjoni għall-finijiet interni tagħhom sabiex il-komunikazzjoni futura tinbena fuq dik preċedenti u tiġi avvanzata u ssalvagwardjat ulterjorment.

Linja gwida 4 – Rappreżentanti fid-djalogu

- 1.19. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw jistiednu l-individwi, li jirrappreżentaw l-awtorità kompetenti u l-awdituri statutorji jew ditti tal-awditjar, li huma mgħarrfa, infurmati u mogħtija s-setgħa mill-organizzazzjoni jew mid-ditta tagħhom biex jiskambjaw informazzjoni rilevanti għad-djalogu.
- 1.20. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw in-numru u r-rwol xieraq tal-parteciċipanti, miż-żewġ partijiet tad-djalogu, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi matul id-djalogu u n-natura u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-impriża jew tal-impriżi soġġetti għad-djalogu.
- 1.21. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibbilanċjaw in-numru tal-parteciċipanti bil-ħsieb li jkun permess djalogu effettiv rilevanti waqt li tiġi ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità tal-kontenut tad-diskussjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li l-parteciċipanti primarji fid-djalogu jkunu rappreżentanti tal-awtorità superviżorja li jaġixxu bħala mexxejja tat-tim u s-sħab tal-awditjar ewlenin. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw parteciċipanti rilevanti oħra mill-awtorità kompetenti, u – f'komunikazzjoni mal-awdituri statutorji jew mad-ditti tal-awditjar – parteciċipanti rilevanti mill-awdituri statutorji jew mid-ditti tal-awditjar skont is-suġġetti, bħal esperti fl-IT, esperti fil-kontabbiltà u esperti attwarjali jew tal-valutazzjoni.

1.22. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw jekk f'ċirkostanzi partikolari u meta jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet li ser jiġu diskussi, laqgħat trilaterali ma' rappreżentanti mill-impriża, u b'mod partikolari mill-kumitat tal-awditjar tagħha, flimkien mad-djalogu previst fil-paragrafi 1.19 sa 1.21, ikunux utli biex jinkiseb djalogu effettiv. Bl-istess mod, l-awtorità kompetenti tista' tistieden, fejn xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti li jindirizzaw is-superviżjoni tas-swieq finanzjarji jew is-sorveljanza pubblika tal-awdituri. Hawnhekk rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali kif stabbiliti fil-paragrafu 1.8 ta' Linja gwida 1 jenħtieġ li japplikaw bl-istess mod.

Linja gwida 5 – Frekwenza u żmien tad-djalogu

1.23. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw jagħmlu skeda ta' djalogi regolari frekwenti kemm meħtieġ biex jiġi żgurat li d-djalogu jkun effettiv, filwaqt li jitqies il-paragrafu 1.10 ta' Linja gwida 1. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu ċ-ċiklu tal-ippjanar tal-ispezzjonijiet superviżorji u tal-awditjar statutorju biex jistabbilixxu ż-żmien l-iktar xieraq għal djalogu f'diskussjoni mal-parti l-oħra tad-djalogu.

1.24. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw jekk id-djalogu ad hoc ikunx meħtieġ minħabba kwistjonijiet importanti li jinqalgħu u li jeħtieġu kjarifika urġenti.

1.25. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jevalwaw regolarment jekk il-frekwenza u ż-żmien magħżula humiex xierqa u proporzjonali meta mqabbla mal-effett fuq il-kompiti superviżorji tagħhom jew fuq l-awditjar statutorju fir-rigward tal-impriża. Filwaqt li jiġi żgurat approċċ proporzjonali, l-impriżi jenħtieġ li jikkunsidraw li jkollhom djalogi, mill-inqas fuq bażi annwali, relatati ma' impriżi tal-assigurazzjoni li jkunu riskjużi ħafna u li, kieku jkollhom ifallu, ikun mistenni li dan ikollu impatt kbir ħafna fuq is-suq tal-assigurazzjoni.

Linja gwida 6 – Djalogu ma' awdituri jew ditti tal-awditjar kollettivament

1.26. Sabiex jiġi promoss djalogu iktar effiċjenti fuq livell settorjali u nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkunsidraw li jistabbilixxu djalogu regolari mal-awditur(i) statutorju/statutorji kollettivament biex jippermettu skambju ta' fehmiet dwar żviluppi attwali u emerġenti, mill-inqas kull sena, fejn rilevanti. B'mod simili għad-dispożizzjoni fil-paragrafu 1.22 ta' Linja gwida 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw jistiednu awtoritajiet xierqa u kompetenti li jindirizzaw is-superviżjoni tas-swieq finanzjarji jew is-sorveljanza pubblika tal-awdituri.

1.27. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li ebda informazzjoni speċifika għal impriża ma tiġi kondiviża f'tali laqgħat u li japplikaw l-istess rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali bħal fi djalogi individwali, kif speċifikat kif stabbilit fil-paragrafu 1.8 ta' Linja gwida 1.

Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

1.28. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti

u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

- 1.29. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.30. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.31. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet

- 1.32. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu suġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.